Minuti tas-seduta numru erbgħa u sittin (64) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, li nzammet nhar it-Tnejn, 22 ta’ Jannar 2024 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f’7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| ASSENTI: | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |

64.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija** Presedenza Ittri ta’ Apoloġija

Ma kienx hemm. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ppresjeda l-laqgħa u l-membri qalu t-talba flimkien.

64.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru tlieta u sittin (63)** Minuti 63

Il-Minuti tas-seduta numru tlieta u sittin kif ukoll tal-laqgħa pubblika tat-18 ta’ Diċembru 2023, kienu meħuda bħala moqrija għaliex kienu mqassma mal-agenda u dawn kienu approvati unanimament u ffirmati wara li kienu imressqa għall-vot mis-Sur Charles Zerafa u ssekondati minn Patrick Bugeja.

Is-Sur Charles Zerafa għamel korrezzjoni fil-Minuti tal-Laqgħa Pubblika fejn hu kien meqjus bħala ‘s*kuzat’* u mhux *‘assenti’.*

64.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li ġejna mitlubin biex nimpustaw A3 Information leaflet għall-Mapfre Insurance għat-tfal tal-Iskola Hellen Keller. Ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan. Leaflet

64.03.02 Is-Sur David Schembri, s-Sindku, tkellem fuq il-bzonn li ssir ir-Rampa għal Triq San Pietru, f’Wied iz-Zurrieq u dwar dan hu nizel mal-Perit, kif ukoll dwar dik l-istrippa li trid titranġa fl-istess Wied iz-Zurrieq. Tkellem ukoll fuq il-bzonn li tinkesa wkoll parti minn Dun Nerik Mahoney. Xogħlijiet varji.

64.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

64.04.01 Il-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja talab biex il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, japprova lis-Sur Mario Camilleri bħala l-organizzatur tal-Festival tal-Patata 2024 li se jsir fid-19 ta’ Mejju 2024, peress li kien mela l-applikazzjoni hu stess għall-Kunsill. Is-Sur David Schembri qal Festival tal-Patata


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

illi hemm min joffri dan is-servizz bi ħlas orħos u semma lit-Tek. Is-Sur Patrick Bugeja qal illi jekk ma jorganizzax il-festival is-Sur Mario Camilleri, hu mhux se jieħu ħsieb dan l-avveniment peress li kien diġà hemm ċertu committment mas-Sur Mario Camilleri meta kellu l-inkarigu tal-applikazzjoni għan-nom tal-Kunsill.

64.04.02 Is-Sur Charles Zerafa staqsa dwar meta se jibdew ix-xogħlijiet fil-Qrendi, mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi issa bir-*reshuffle* tal-Ministri fil-*Cabinet* li tħabbret fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, wieħed irid jiġri wara n-nies minkejja li kellna *memorandum of understanding* li kien iffirmat biex isir ix-xogħol quddiem il-Knisja. Dan kien seħħ diversi snin ilu u kien iffirmat quddiem il-Knisja tal-Baħrija. Hu qal li s'issa ma sar xejn u qed isiru tentattivi biex dak li nbeda meta kien responsabbli il-Ministru l-Onor Stephan Zrinzo, jiġi ri-attivat mal-*Perit Ruben* Pace taħt is-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia. Infatti kien hemm diskussjoni mas-Sindku fuq il-pavimentar tat-triq quddiem is-Santwarju tal-Ħniena taħt l-amministrazzjoni ta' l-Onor Stephan Zrinzo Azzopardi. Is-Sur David Schembri qal li kellu laqgħa nhar it-3 ta' Jannar 2024 dwar ir-rampa ta' Wied iz-Zurrieq fejn qed jiġi propost anke *toilet* addizzjonali, u se jiltaqa' mal-Onor Omar Farrugia nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar dwar l-istess xogħlijiet. Bla dubju waħda mil-problemi l-kbar hija quddiem il-Knisja tal-Qrendi fejn il-pavimentar issa qed jitkisser u jinqala.

64.04.03 Is-Sur David Schembri tkellem fuq zewġ skemi – waħda fuq restawr u ppropona li tkun fuq il-faċċata tal-Ġnien tal-Kmand. Dwar dan il-proġett hu esebixxa lill-kunsillieri prezenti l-ġebel fuq il-faċċata li qed jiddeterjora. Infatti hu diġa' tkellem mad-Direttur Ġenerali tar-Restawr dwar ix-xewqa tiegħu. Il-kunsillieri kollha qablu unanimament mal-ħtieġa li wieħed jieħu ħsieb dan il-ġojjell u nagħmlu l-applikazzjoni tagħna mad-Dipartiment Gvern Lokali fuq SPI/SCI/1/2024. Restawr tal-Faċċata tal-Ġnien tal-Kmand

64.04.04 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri li kellu laqgħa fuq l-inizjattiva tal-Awtorità Maltija tat-Turizmu bl-isem *Explore Malta*. Hu esebixxa ritratti ta' gadget magħruf bħala BEACON biex jitwaħħal ma' siti ta' nteress storiku biex jinforza s-signal tal-wifi u li jkun jaħdem bil-batterija. Dwar dan is-suġġett hu qal li l-vizitatur ikun jista' jidħol bil-QR code u jara l-informazzjoni ta' dik l-attrazzjoni partikolari. MTA - Beacons

64.04.05 Is-Sur David Schembri u s-Sa Marion Parnis taw il-kontribut tagħhom fuq il-programm tal-One Productions bl-isem *Qribna*. Dawn taw aktar tagħrif dwar attrazzjonijiet storiċi fil-Qrendi bħas-Santwarju tal-Ħniena, Torri Xutu, iċ-Ċimiterju tal-Ars, il-Playground tal-Ġnien tal-Warda li ottjenejna fondi mill-*Urban Development Fund,* dwar l-attenzjoni li qed tingħata fuq il-qtates *stray* bl-inizjattivi tan-*neutering*, u dwar id-dokumentazzjoni u l-pubblikazzjoni. Programm Qribna


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

64.05 **L-assenza mil-laqgħat tal-Kunsillier, is-Sur Daniel Farrugia** Assenza tal-laqgħat

Il-Kunsill qabel illi jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali illi s-Sur Daniel Farrugia tilef tliet laqgħat wara xulxin, waħda minnhom kien skuzat. Is-Sur Daniel Farrugia intqal li jinsab f'Home tal-Anzjani u intqal illi ftit hemm ċans li jirritorna fis-siġġu tiegħu ta' kunsillier.

64.06 **Estimi Finanzjarji 2024** Estimi Finanzjarji 2024

L-Estimi Finanzjarji 2024 kienu diskussi fit-tul, speċjalment id-dħul u l-infiq ibbazat fuq l-allokazzjoni finanzjarja li se tkun allokata mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali. Dawn l-estimi tpoġġew għall-vot billi ppropona s-Sindku, s-Sur David Schembri u ssekonda il-Viċi Sindku, s-Sur Patrick Bugeja u dawn għaddew unanimament.

64.07 **Nominazzjonijiet għall-Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi 2024** Ġieħ il-Qrendi 2024

Is-DSE qal li kellna nomina waħda ta' Dun Karm Attard. Dun Karm jissodisfa l-kriterji kollha skont il-minuti tal-laqgħa li nzammet apposta nhar it-18 ta' Jannar 2024. Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-ġieħ jingħata mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm imlaqqa' l-bord ta' evalwazzjoni ġaladarba ma kienx hemm kompetizzjoni.

Kienu nominati għall-premju Onoreficenza skont ukoll kif deċiż f'din l-istess laqgħa tat-18 ta' Jannar:

Is-Sur Jeremy Zammit (għall-Ħidma Sportiva)

Is-Sur Mario Pio Schembri (għall-Ħidma Reliġjuza)

Is-Sur Paul Micallef (għall-Ħidma Reliġjuza)

Is-Sur Mario u s-Sa Rita Ebejer (għall-Ħidma Reliġjuza)

Is-Sur Rino Muscat (għall-Ħidma Reliġjuza)

Is-Sa Catherine D'Amato (għax-xogħol Artiġjanali)

Is-Sa Rita Farrugia (għax-xogħol Artiġjanali)

Kien hemm diskussjoni dwar kemm se jkun il-ħlas lis-Soċjetajiet Muzikali: Kien deċiż li jingħataw bejn €300 u €500 kull wieħed

Il-prezentaturi se jkunu Marie Camilleri u Chanelle Magro

Peress li ma nafux jekk hux possibbli li nkunu live fuq facebook minħabba li fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba fejn kien deċiż


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

illi se tinzamm din is-serata, m'hemmx internet, kien hemm il-proposta illi s-serat tkun iffilmjata mis-Sur Emman Farrugia.

Kien għalhekk deċiz li ssir laqgħa mas-Soċjetajiet Muzikali biex naraw x'servizzi se joffru u jekk għandhomx big screen u projector.

64.08 **Approvazzjoni ta' Xogħlijiet taħt l-art fl-isqaqien mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma.** Pavimentar ta' Sqaqien.

Kienu approvati x-xogħlijiet taħt l-art tal-kanni tal-ilma fl-isqaqien mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dawn jappartjenu l-isqaq ta' Triq il-Knisja, dak fi Triq San Nikola u ta' Triq it-Torri. Ix-xogħlijiet huma importanti li jsiru qabel ma jingħata l-wiċċ bil-konkos bil-pattern. Dan sabiex ma jkunx hemm xi ħsara u jkollu jerġa' jinqala ix-xogħol kollu minħabba xi leak fuq *fitting* tal-ilma. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi l-budget għal dawn ix-xogħlijiet jilħaq it-€80,000.00.

Dwar Sqaq No 2, Triq San Nikola, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi kellna ftit tal-inkwiet minħabba residenta partikulari izda propju llum tkompla x-xogħol u sal-Ġimgħa, 26 ta' Jannar se jitlesta kompletament. Imbgħad wara nibdew Sqaq 3 Triq it-Torri - skema oħra b'budget ta' €130,000 biex inkunu dorna r-raħal kollu fejn hemm dawn l-isqaqien dojoq fil-parti l-antika tal-Qrendi.

64.09 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (18/12/23-22/1/24) u SCH 189 (Ref: AA/12)** Skedi tal-pagamenti

L-iskedi tal-pagamenti kienu approvati u ffirmati wara li kien hemm vot unanimu bil-kunsillieri li ffirmaw fuqha bħala proponenti u sekondanti.

64.09.01 Kien hemm mistoqsija tas-Sur Charles Zerafa dwar ix-xogħlijiet ta' bankina f'Wied iz-Zurrieq li wettaqhom is-Sur Manuel Magri. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi dan l-ammont muri fuq l-iskeda jinkludi wkoll il-materjal u dawn kienu ta' natura urgenti għaliex kienu qed jipparkjaw ezatt quddiem Boutique Hotel u jagħlqu l-aċċess u issa permezz ta' din il-bankina evitajna l-periklu minħabba li kien hemm ċint baxx. Bankina urġenti

64.10 **Ħruġ ta' Offerta Pubblika – Skart Goff u WEE** Bulky Refuse

Id-dokument kopja tal-offerta pubblika proposta kienet anness mad-dokumentazzjoni tal-agenda. Din l-offerta pubblika se toħroġ fil-futur qrib biex is-servizz jibqa' jingħata f'diversi ġranet matul il-ġimgħa kif drawh ir-residenti tagħna. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi approvaha kif propost.

64.11 **Tiġdid tal-kuntratt għal sena tas-Service Tender for the Provision of Health Attendants to carry out cleaning and maintenance of public conveniences in an environmentally friendly manner in the locality of Qrendi.** Kuntratt tal-latrina


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

Ma kienx hemm problema biex dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra mas-Sur Chris Bonello. Dan sar fuq proposta tas-Sur Charles Zerafa issekondat mis-Sa Marion Parnis. Kien hemm vot unanimu.

64.12 **Kantata fuq il-Qrendi (Sur John Buttigieg)** Kantata

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi iddiskuta l-proposta tas-Sindku, is-Sur David Schembri, li ssir Kantata bl-isem Riħ fil-Qolla, mil-Kor *Sine Macula* fil-Parroċċa tal-Qrendi nhar il-25 ta' Mejju 2024. L-istima tagħha ma kienetx uffiċjalment ipprezentata izda din tammona għal €3,970 għall-kor (20 element) u €4,000 għas-sound, recording u pubbliċita. Għaldaqstant se taqbez it-treshold tad-*direct order*. Il-Kunsill jaqbel li jsiru dawn l-avvenimenti kulturali izda wieħed irid joqgħod kawt mil-fondi limitati li għandna u li jkun hemm min jiġbor ukoll l-isponsors mil-privat. Charles Zerafa qal illi għandna naraw xi skemi jkun hemm mill-entitatjiet biex din tkun tista tittella'.

64.13 **Skema tal-Komunità LESA** Skema ta' Fondi tal-LESA

Il-Kunsill se japplika biex jagħmel fanali dekorattivi (street lighting) fil-UCA minflok il-lampi tradizzjonali imwaħħla mal-faċċati tad-djar. Dak il-ħin stess is-Sindku, is-Sur David Schembri ipproduċa mappa fejn jinsabu dawn il-lanterni fil-UCA lid-DSE.

64.14 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss se tinzamm fis-26 ta' Frar 2024 fil-5.30pm u l-aġġornament ta' din il-laqgħa sar fis-7.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 26.2.24 mis-Sur David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;